



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Diċembru 2015
(OR. en)

15295/15

MI 796
COMPET 564
POLARM 11
CFSP/PESC 861
COARM 262
DELECT 171

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	11 ta' Diċembru 2015
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D043008/01
Suġġett:	DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument D043008/01.

Mehmuż: D043008/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...](2015) **XXX** draft

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-
lista ta' prodotti relatati mad-difiża**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

D043008/01

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità ¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/43/KE tkopri l-prodotti kollha relatati mad-difiża li jikkorrispondu ma' dawk elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Marzu 2007.
- (2) Fid-9 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea² aġġornata.
- (3) Skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni³, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew iżjed li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali.
- (4) Għaldaqstant id-Direttiva 2009/43/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (5) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasferimenti fl-UE ta' Prodotti Relatati mad-Difiża,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE jinbidel bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

¹ ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.

² ĠU C 129, 21.4.2015, p. 1.

³ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn [\[3 months following publication in the OJ\]](#), il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-testi ta' dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-[\[5 working days following the date provided in the first subparagraph\]](#).

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude Juncker